

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/148

tal-20 ta' Jannar 2023

li jaċċetta talba għal trattament ta' produttur esportatur ġdid fir-rigward tal-miżuri anti-dumping definitivi imposti fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1198

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrati t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (⁽¹⁾) ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1198 tat-12 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (⁽²⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi,

A. MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Fit-13 ta' Mejju 2013 il-Kunsill impona dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat") permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 (⁽³⁾) ("ir-regolament oriġinali").
- (2) Fit-12 ta' Lulju 2019, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni estendiet il-miżuri tar-Regolament oriġinali għal ħames snin oħra permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 2019/1198.
- (3) Fit-28 ta' Novembru 2019, wara investigazzjoni antiċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni emendat ir-Regolament (UE) 2019/1198 bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/2131 (⁽⁴⁾).
- (4) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-kampjunar ġie applikat biex jiġu investigati l-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.
- (5) Il-Kummissjoni imponiet rati individwali ta' dazju anti-dumping li jvarjaw minn 13,1 % sa 18,3 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għall-produtturi esportaturi mir-RPĊ inklużi fil-kampjun. Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinu inklużi fil-kampjun għet-imposta rata ta' dazju ta' 17,9 %. Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun huma elenkti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1198 kif sostitwit bl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2019/2131. Barra minn hekk, għet-imposta wkoll rata ta' dazju mal-pajjiż kollu ta' 36,1 % fuq il-prodott ikkonċernat minn kumpaniji fir-RPĊ li jew ma ddikjarawx ruħhom jew inkella ma kkooperawx fl-investigazzjoni.
- (6) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1198, l-Anness I ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produtt esportatur il-ġdid jingħata r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji li kkooperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri r-rata tad-dazju medja ponderata ta' 17,9 %, meta dak il-produtt esportatur ġdid jagħti bieżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li:
 - (a) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 ("il-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni");

(¹) ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

(²) ĠUL 189, 15.7.2019, p. 8.

(³) ĠUL 131, 15.5.2013, p. 1.

(⁴) ĠUL 321, 12.12.2019, p. 139.

- (b) mhuwa relata tħall minn il-ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-RPĊ li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament oriġinali; kif ukoll
- (c) effettivament esporta lejn l-Unjoni l-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali jew li jkun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni.

B. TALBA GĦAL TRATTAMENT TA' PRODUTTUR ESPORTATUR ġ DID

- (7) Fit-30 ta' Ottubru 2020, Raoping Jinde Ceramics Co. Ltd. ("Jinde" jew l- "applikant") resqet talba lill-Kummissjoni biex tingħata trattament ta' produttur esportatur ġ did (new exporting producer treatment, "NEPT") u għalhekk tkun soġġetta għar-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanji li kkooperaw fir-RPĊ mhux inklużi fil-kampjun, li hija ta' 17,9 %, filwaqt li sostniet li kienet issodisfat it-tliet kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1198 ("il-kundizzjonijiet NEPT").
- (8) Sabiex tiddetermina jekk l-applikanti ssodisfawx il-kundizzjonijiet tan-NEPT, il-Kummissjoni l-ewwel bagħtet kwestjonarju lill-applikanti fejn talbet għal evidenza li turi li kieni jissodisfaw il-kundizzjonijiet tan-NEPT.
- (9) Wara l-analiżi tat-tweġiba għall-kwestjonarju, fis-6 ta' April 2021 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni u evidenza ta' sostenn, li l-applikant ippreżenta.
- (10) Il-Kummissjoni fittxet li tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa biex tiddetermina jekk l-applikant kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet tan-NEPT. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni analizzat l-evidenza ppreżentata mill-applikant u kkonsultat diversi bażżejjiet tad-data online inklużi Orbis (⁹) u Qichacha (⁹). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni infurmat lill-industrija tal-Unjoni dwar it-talba tal-applikant u stedniu jipprovidi kwalunkwe kumment jekk ikun hemm bżonn. L-industrija tal-Unjoni ssottommett kummenti fir-rigward tal-konformità tal-applikant mal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) 2019/1198.

C. ANALIŻI TAT-TALBA

- (11) Fir-rigward tal-kundizzjoni stabbilità fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) 2019/1198 li l-applikant ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni stabbili li l-applikant tassew ma esportax lejn l-Unjoni matul il-perjodu. Jinde twaqqfet f'Diċembru 1995 u l-kumpanija ilha tesporta minn mindu twaqqfet. Madankollu, ir-reġistru tal-bejgħ tagħha ma juri l-ebda rekord ta' tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, ir-reġistri ta' Jinde matul dak il-perjodu kien konformi mar-rapporti finanzjarji pprovduti u ma kien hemm l-ebda traċċa jew evidenza ulterjuri li tissuġġerixxi li l-applikant esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni qabel Jannar 2012, jiegħi wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Fil-kummenti inizjali tagħha, l-industrija tal-Unjoni enfasizzat il-fatt li l-applikant kien involut f'attivitàjet ta' esportazzjoni sa mill-istabbiliment tiegħu fl-1995, iżda ma pprovda l-ebda evidenza li turi li Jinde ma kinitx konformi mal-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (UE) 2019/1198. Għalhekk, hemm bieżżejjed evidenza li l-applikant ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali.
- (12) Fir-rigward tal-kundizzjoni stabbilità fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (UE) 2019/1198 li l-applikant mhu relata tħall minn il-ebda esportatur jew produttur li huwa soġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (UE) 2019/1198, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni stabbili li Jinde mhi relatata mal-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping. Skont Qichacha, l-azzjonisti ta' Jinde għandhom ishma fi tliet kumpaniji għajr Jinde nnifisha, li l-ebda waħda minnhom ma hija soġġetta għall-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (UE) 2019/1198. Għalhekk, l-applikant jissodisfa din il-kundizzjoni.

(⁹) Orbis huwa fornitur globali tad-data ta' informazzjoni korporattiva li jkopr aktar minn 220 miljun kumpanija madwar id-dinja. Prinċipalment jipprovidi informazzjoni standardizzata dwar kumpaniji privati u strutturi korporattivi.

(⁹) Qichacha hija bażi ta' data privata, bi skop ta' qligħ, li tipprovi data kummerċjali, informazzjoni ta' kreditu, u analitika ta' kumpaniji privati u pubbliċi bbażati fiċ-Ċina, għall-konsumaturi/professionisti.

- (13) Fir-rigward tal-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (UE) 2019/1198, li l-applikant effettivavent esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali jew daħal fobbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni matul l-investigazzjoni stabbiliet li l-applikant kien esporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni fl-2019, għaldaqstant wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. L-applikanti ppreżentat fattura, ordni ta' xiri, dokumenti ta' żdoganar, polza ta' kargu u rċevuta ta' ħlas għal ordni magħmula fl-2019 minn kumpannija fi Franzia. Minbarra din il-kunsinna, bejn l-2012 u l-2019 kien hemm konsenji oħra tal-prodott ikkonċernat lejn Franzia, li għalihom l-applikant ipprovda wkoll dokumenti ta' sostenn. Għalhekk, l-applikant jissodisa din il-kundizzjoni.
- (14) Għaldaqstant, l-applikant jissodisa t-tliet kundizzjonijiet li biex jingħata trattament ta' produttur esportatur ġdid, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1198 u jenħtieġ għalhekk li t-talba tiġi milqugħha. Konsegwentement, l-applikant għandu jkun soġġett għal dazju anti-dumping ta' 17,9 % għall-kumpaniji li jikkoperaw mhux inklużi fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali.

D. DIVULGAZZJONI

- (15) L-applikant u l-industrija tal-Unjoni kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet skont liema tqies xieraq li tingħata r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli lill-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun tal-investigazzjoni oriġinali lil Raoping Jinde Ceramics Co. Ltd.
- (16) Il-partijiet ingħataw il-possibbiltà li jissottomettu kummenti u l-industrija tal-Unjoni pprovdiet kummenti.
- (17) Wara d-divulgazzjoni, l-industrija tal-Unjoni sostniet li dikjarazzjoni finanzjarja awditjata hija rekwiżit statutorju għal kumpaniji b'investiment barrani fiċ-Ċina, li jinkludi wkoll l-applikant. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni talbet li tiġi pprovdu bl-isem tal-kumpanija relatata sabiex tiprovvdi kummenti dwar l-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpanija relatata.
- (18) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni pprovduta mill-applikant dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm rekwiżit statutorju ta' dikjarazzjoni finanzjarja awditjata għal kumpaniji ta' investiment barrani fiċ-Ċina. Fl-2009, il-Fergħa tat-Tassazzjoni ta' Qiandong tal-Uffiċċju tat-Tassazzjoni tal-Kontea ta' Raoping fil-Belt ta' Chaozhou ħarġet avviż lill-applikant, li permezz tiegħu eżentatha mill-obbligu li tippreżenta rapporti awditjati. Konsegwentement, il-Kummissjoni stabbiliet li ma kienx hemm rekwiżit obbligatorju la qabel u lanqas wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet lill-industrija tal-Unjoni bl-isem tal-kumpanija relatata tal-applikant. Ma waslux aktar kummenti.
- (19) Dan ir-Regolament huwa fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpanija li ġejja tiżdied mal-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2019/1198 kif modifikat mir-Regolament (UE) 2019/2131 li fih il-lista tal-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

Kumpanija kodiċi addizzjonal	TARIC
Raoping Jinde Ceramics Co. Ltd.	C879

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
